Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2338

21.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2338

tal-20 ta' Novembru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/100 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-proċess ta' deċiżjoni konġunta fir-rigward tal-applikazzjoni għal ċerti permessi prudenzjali skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(8), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) issostitwixxa t-Titolu III tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li bħala konsegwenza kellu s-sostituzzjoni tal-approċċi eżistenti kollha għall-istima tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali tal-istituzzjonijiet, inkluż l-Approċċ Avvanzat ta' Kejl, b'metodu uniku mhux ibbażat fuq mudell, jiġifieri l-approċċ standardizzat il-ġdid għar-riskju operazzjonali.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/100 ([3]) jispeċifika l-proċess ta' deċiżjoni konġunta fir-rigward tal-applikazzjoni għal ċerti permessi prudenzjali, inkluż l-Approċċ Avvanzat ta' Kejl. Minħabba l-emendi għat-Titolu III tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u b'mod partikolari s-sostituzzjoni tal-Approċċ ta' Kejl Avvanzat bl-approċċ standardizzat il-ġdid għar-riskju operazzjonali, jeħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/100 jiġi emendat biex jitqiesu dawk l-emendi.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1496 ([4]) daħħal fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 Artikolu 520a ġdid, li taħtu l-istituzzjonijiet huma obbligati jkomplu japplikaw il-Parti Tlieta, it-Titolu IV, u r-rekwiżiti tar-riskju tas-suq tal-Artikoli 430, 430b, 445 u 455 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024 sal-1 ta' Jannar 2027. Minn dan isegwi li r-referenza għall-Artikolu 363 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-permess biex jintużaw mudelli interni għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq jenħtieġ li tinżamm f'dan ir-Regolament.

(4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).

(5) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operazzjonali, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output (ĠU L, 2024/1623, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1623/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/100 tas-16 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-proċess ta' deċiżjoni konġunta fir-rigward tal-applikazzjoni għal ċerti permessi prudenzjali skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 21, 28.1.2016, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/100/oj).)

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1496 tat-12 ta' Ġunju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq (ĠU L, 2025/1496, 19.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1496/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/100 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika l-proċess ta' deċiżjoni konġunta msemmi fl-Artikolu 20(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-permessi msemmija fl-Artikolu 143(1), fl-Artikolu 151(9), fl-Artikolu 283, fl-Artikolu 325az, jew fl-Artikolu 363 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024, ta' dak ir-Regolament biex jiġu ffaċilitati d-deċiżjonijiet konġunti.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-superviżur konsolidanti jista' jiddeċiedi li jinvolvi awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi li jieħdu sehem fil-kulleġġ tas-superviżuri skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/791 (*) fil-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet imressqin skont l-Artikolu 20(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta l-applikant jopera f'dak il-pajjiż terz u biħsiebu japplika l-metodoloġiji kkonċernati għall-iskoperturi f'dak il-pajjiż terz. F'dak il-każ, kemm is-superviżur konsolidanti kif ukoll l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz għandhom jaqblu dwar l-ambitu tal-involviment ta' dawk l-awtoritajiet għall-finijiet li ġejjin:

(a) l-għoti mill-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz lis-superviżur konsolidanti tal-kontribuzzjoni tagħhom għar-rapport ta' valutazzjoni mħejji mis-superviżur konsolidanti;

(b) iż-żieda bħala annessi tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għar-rapport ta' valutazzjoni mħejji mis-superviżur konsolidanti.

_____

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/791 tat-23 ta' April 2025 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/ UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet ġenerali għall-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98 (ĠU L, 2025/791, 8.8.2025 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/791/oj).";

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Malli jirċievi applikazzjoni għal permess kif imsemmi fl-Artikolu 143(1), l-Artikolu 151(9), l-Artikolu 283, u l-Artikolu 325az, jew l-Artikolu 363 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, is-superviżur konsolidanti għandu jibgħat l-applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien 10 ijiem.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Applikazzjoni għandha titqies kompluta jekk ikun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti biex jivvalutaw l-applikazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 143, 144, 151, 283, u 325az, jew fl-Artikolu 363 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.";

(4) fl-Artikolu 5(3), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) hija għandha tqis, sa fejn ikun possibbli, l-attivitajiet l-oħra mwettqa mis-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti skont il-programm ta' eżami tal-kulleġġ superviżorju msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/791.";

(5) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 huwa emendat skont kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) opinjoni dwar jekk il-permess mitlub għandux jingħata jew le, abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 143(1), l-Artikolu 151(9), l-Artikolu 283, u l-Artikolu 325az, jew l-Artikolu 363 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, flimkien mar-raġunament biex tiġi appoġġata dik l-opinjoni;";

(b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-valutazzjonijiet relatati mal-kwistjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jivvalutaw f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 143, 144, 151, 283, u 325az, jew l-Artikolu 363 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

(6) Fl-Artikolu 7(3), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) kwalunkwe terminu u kundizzjoni li l-applikant għandu jissodisfa, inkluż raġunament korrispondenti, qabel ma juża l-permess imsemmi fl-Artikolu 143(1), fl-Artikolu 151(9), fl-Artikolu 283, u fl-Artikolu 325az, jew fl-Artikolu 363 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn applikabbli;";

(7) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta applikazzjoni għal permess tkun relatata ma' estensjonijiet jew bidliet materjali tal-mudell kif imsemmi fl-Artikolu 143(3), fl-Artikolu 151(9), fl-Artikolu 283, u fl-Artikolu 325az, jew fl-Artikolu 363 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet li huma affettwati minn dawn l-estensjonijiet jew bidliet materjali tal-mudell għandhom jaħdmu flimkien, f'konsultazzjoni sħiħa, biex jiddeċiedu jekk jagħtux il-permess mitlub f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, skont il-proċess stabbilit fl-Artikoli 3 sa 9 ta' dan ir-Regolament.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN